PDF Compressor Pro



L-istatwa ta' Kristu Rxoxt tidher ħierġa mill-Knisja Bażilika tan-Nadur. Manifestazzjoni li tmexxiet mill-Arċipriet, Mons. Jimmy Xerri

L-Għid il-Kbir f'Għawdex

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid il-Kbir laħqu l-qofol tagħhom il-Ħadd 24 ta' April, b'purċissjonijiet bil-vara ta' Kristu Rxoxt f'ħafna mill-Parroċċi tad-Djoċesi Għawdxija, bis-sehem tal-Baned kif ukoll bit-tqassim tal-figolli lit-tfal.

Il-manifestazzjonijiet li saru filgħodu, kienu jinkludu dawk maħruġa mill-Knisja Bazilika ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Banda La Stella; mill-Knisja Bażilika tan-Nadur, bis-sehem tal-Banda Mnarja; mill-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem, bis-sehem tal-Banda San Girgor; mill-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, fix-Xagħra, bis-sehem tal-Banda Victory; mir-Rotunda tax-Xewkija, bis-sehem tal-Banda Prekursur u mill-Knisja Katidrali, bis-sehem tal-Banda Leone.

Filgħaxija saru manifestazzjonijiet fiż-Żebbuġ bis-sehem tal-Banda Santa Marija; fil-Qala bis-sehem tal-*Banda Ite ad Joseph* u fil-Fontana bis-sehem tal-Banda La Stella. Saret ukoll manifestazzjoni simili li ħarġet mill-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, bis-sehem tal-*Jacksons Pipe Band*.



Maltin iżuru ċ-Ċena li kien hemm fil-MUSEUM tas-Subien tan-Nadur

Maltin jattendu attività tal-Ġimgħa Mqaddsa

Bosta Maltin laqgħu l-istedina li saret mill-Uffiċċju tal-Kultura u attendew għall-attivitajiet li ġew organizzati partikolarment biex gruppi ta' Maltin iżuru l-Ġżira ta' Għawdex matul il-ġimgħa li wasslet għall-festa tal-Għid il-Kbir. Saru żjajjar f'diversi postijiet fejn kien hemm wirjiet sagri kif ukoll knejjes fejn kienu esposti settijiet ta' statwi li jintużaw f'purċissjonijiet matul dan iż-żmien tas-sena.

Waħda mill-attrazzjonijiet partikolari kienet serata ta' drawwiet tradizzjonali antiki relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa. Din bdiet permezz ta' rikostruzzjoni taċ-ċerimonja li kienet issir l-Erbgħa tat-Tniebri ġewwa l-Kappella ta' San Ġużepp fiċ-Ċittadella. Wara ħarġet purċissjoni li għaddiet mis-sqaqien dojoq taċ-Ċittadella li kienu illuminati minn fjakkoli u li fiha ħadu sehem nisa lebsin għonnelel u faldetti suwed, tfal lebsin żimarri li ġarrew slaleb żgħar u xemgħat kif ukoll irġiel iġorru ktajjen penitenzjali. Din li bdiet bħala sinjal ta' penitenza minn Għawdxin li rnexxielhom jeħilsu mill-iskjavitù hija drawwa li nżammet maż-żmien u għadha tagħmel parti mill-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira li jsiru f'Għawdex.

L-attività ntemmet ġewwa ċ-Ċentru tal-Kultura u l-Arti fiċ-Ċittadella fejn Anton F. Attard, tkellem dwar drawwiet u tradizzjonijiet marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex. Dan kien jinkludi tagħrif dwar riti u prattiċi reliġjużi flimkien ma' oħrajn popolari fosthom ikel u ħelu tradizzjonali.

Dawk preżenti setgħu jduqu tipi ta' ikel bħal ma huma qassatat u torti tal-ful kif ukoll il-qagħqa tal-appostli u l-figolla. Ġie servut ukoll kafè bit-taċċi tal-qronfol li hu wkoll speċjalità tradizzjonali.

Sadanittant numru ieħor ta' Maltin u Għawdxin kisbu biljetti biex jipparteċipaw fit-tieni attività li saret nhar il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu.

Il-wirjiet u Knejjes magħżula f'din it-tieni rotta kienu in-Nadur, ix-Xagħra, ix-Xewkija, iż-Żebbuġ, San Lawrenz u ġewwa l-Belt Victoria.

MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



Il-Banda Mnarja waqt il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt



Jieħu sehem f'Malta

L-'Aurora Folk Group' dan l-aħħar ħa sehem fil-Festival tat-Torri ta' Wignacourt, organizzat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, b'*re-enactment* tat-tieġ tradizzjonali Malti u spettaklu ta' żfin u mużika folkloristika.

Dan kien jinkludi l-għanja tar-romanza tal-għarus taħt it-tieqa tal-maħbuba u l-purċissjoni tat-tieġ taħt il-baldakkin. L-'Aurora Folk Group' ħa sehem b'sitt settijiet ta' kostumi differenti magħmulha minn bizzilla u newl awtentiku Għawdxi.



Purċissjoni fiċ-Ċittadella

MARIO BORG

International Travel Consultant

TRAVEL PLANS INTERNATIONAL

Best Price Right Advice

Contact: ***Mario Borg***
Tel: 9621 8899
Mob: 0412 682 421
Email: mario@travelplansintl.com.au

Lic. TTA 164 197